# Skema ta’ Appoġġ għall-Gazzetti

**Linji Gwida u Regolamenti 2026**

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

MAĦRUĠA: SETTEMBRU 2026

## ALLOKAZZJONIJIET

| BAĠIT TAS-SESSJONI | AMMONT MASSIMU ELIĠIBBLI GĦAL KULL PROĠETT |
|---|---|
| L-Ewwel Fergħa – EUR 50,000<br>It-Tieni Fergħa – EUR 125,000 | L-Ewwel Fergħa – EUR 12,000<br>It-Tieni Fergħa – EUR 20,000 |

| KOFINANZJAMENT | ŻBORŻAMENT |
|---|---|
| Il-fond jista' jkopri 100% tal-ispejjeż totali tal-proġett | 70% mal-iffirmar tal-ftehim tal-għotja<br>30% wara l-approvazzjoni tar-rapport finali |

## LISTA TA' SKADENZI STABBILITI

| SKADENZA | RIŻULTATI | PERJODU TA' ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|
| 3 ta' Novembru 2026 | 17 ta' Diċembru 2026 | 1 ta' Jannar 2027 – 31 ta' Diċembru 2027 |

# 1. Introduzzjoni

L-għan tal-Iskema ta' Appoġġ għall-Gazzetti hija li tagħti appoġġ għall-assigurazzjoni ta' kwalità relatata mal-arti, il-kultura, u l-wirt nazzjonali f'gazzetti stampati.

L-iskema, li hi mgħarrfa bis-sitwazzjoni preżenti tas-settur f'dak li għandu x'jaqsam ma' riżorsi finanzjarji u umani limitati, hi mmirata li tappoġġja u tiffaċilita modiu mezzi sabiex tindirizza dawn l-isfidi msemmija hawn fuq.

L-iskema proposta hija maqsuma f'żewġ fergħat:

L-Ewwel Fergħa hi mmirata li toffri appoġġ f'termini ta' servizzi lingwistiċi għal gazzetti stampati bil-lingwa Maltija. Gazzetti ppubblikati bil-lingwa Maltija se jibbenefikaw minn għajnuna finanzjarja għall-iżvilupp lingwistiku, inkluż l-ortografija u t-titjib tal-espressjoni ġurnalistika, f'termini ta' stil, ċarezza, sintassi, u semantika.

Elementi bħal konċiżjoni, korrettezza politika, artikulazzjoni ċara, u ħsieb analitiku jistgħu jiġu indirizzati b'mod professjonali u f'konformità ma' standards internazzjonali.

It-Tieni Fergħa hi mmirata li toffri appoġġ għall-ispejjeż involuti fil-ħolqien ta' kontenut regolari tal-arti, kultura, u wirt nazzjonali ddisinjat biex jaqsam għarfien lill-qarrejja dwar aspetti kulturali permezz ta' features, artikli, u materjal viżiv għall-promozzjoni ta' avvenimenti u proġetti biex jattiraw udjenzi ġodda.

Midja stampata f'Malta se tkun inkoraġġuta biex tirrikonoxxi l-importanza tal-arti, il-kultura, u l-wirt nazzjonali bħala kontributuri ewlenin għall-benesseri taċ-ċittadini f'soċjetà kontemporanja.

L-iskema toffri għajnuna għal dawn l-attivitajiet imsemmija:

L-Ewwel Fergħa:

- Attendenza għal korsijiet tal-qari tal-provi fil-lingwa Maltija;
- Attendenza għal korsijiet ta' aġġornament fl-użu tal-lingwa Maltija u l-evoluzzjoni kostanti tagħha;
- Struzzjoni fl-idjoma u l-kwalitajiet stilistiċi għal kitba ġurnalistika fil-lingwa Maltija għal midja stampata;
- Esternalizzazzjoni ta' servizzi lingwisitiċi bħal subber u qari tal-provi.

It-Tieni Fergħa:

- Attendenza għal korsijiet qosra tal-lingwa Maltija u/jew studji tal-lingwa Ingliża, ġurnaliżmu, u kitba kreattiva għal midja stampata;
- L-ippubblikar ta' materjal ta' reklamar li jippromwovi l-arti, il-kultura, u l-wirt nazzjonali;
- Remunerazzjoni għal edituri u/jew kontributuri ta' paġni u supplimenti ddedikati għal kontenut tal-arti, il-kultura, u l-wirt nazzjonali li jiġu ppubblikati b'mod regolari;
- Il-kitba ta' rivisti u kritika ta' attivitajiet relatati mal-arti, il-kultura, u l-wirt nazzjonali bħal esebizzjonijiet, prestazzjonijiet, tours, u produzzjonijiet televiżivi.

Il-benefiċjarji kollha tat-Tieni Fergħa jridu jinkludu, bħala minimu, 25 suppliment ta' żewġ paġni f'kull gazzetta stampata fis-sena, li jkopru €250 f'kontenut li jkopri l-arti, il-kultura, u l-wirt nazzjonali.

Rekwiżiti konformi mal-Istrateġija tal-Kunsill Malti għall-Arti

F'konformità mal-impenn tiegħu li jappoġġja l-arti permezz tal-approċċ sostenibbli u responsabbli tiegħu għall-investiment pubbliku.

L-applikanti huma mħeġġa jikkunsidraw, kif xieraq, il-prinċipji spjegati fid-Dritt għall-Kultura – Pakkett ta' Riżorsi meta jizviluppaw il-proposta tagħhom b'rabta ma' kif jimpenjaw ruħhom mal-komunitajiet u l-konsiderazzjonijiet tad-drittijiet kulturali ta' kulħadd fix-xogħol tagħhom. Dan il-pakkett ta' riżorsi għandu l-għan li jżid l-għarfien dwar l-inklussività u jappoġġja l-implimentazzjoni tad-drittijiet kulturali fil-prattika tagħna ta' kuljum.

L-applikanti huma wkoll mistennija li jikkunsidraw, kif xieraq, il-prinċipji ewlenin deskritti fil-qosor fil-Karta għall-Istatus tal-Artist meta jipproponu l-attivitajiet operattivi u ta' programmazzjoni tagħhom biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol aċċettabbli u ġusti għall-artisti.  Dawn jinkludu d-dritt għal-libertà artistika, l-aċċessibbiltà mtejba, ir-rikonoxximent ta' ħiliet formali/informali/non-formali, kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi deċenti, non-diskriminazzjoni u ekwità, konsiderazzjonijiet etiċi u aderenza mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-liġi internazzjonali tax-xogħol. Il-Karta għall-Istatus tal-Artist hija maħsuba biex tipprovdi qafas dinamiku ta' referenza għal kwalunkwe leġiżlazzjoni, politika, jew inizjattiva li jkollha impatt dirett jew indirett fuq l-artisti u s-setturi kulturali u kreattivi, u tiżgura li kwalunkwe azzjoni tkun allinjata mal-viżjoni aħħarija fit-tul li tgħolli l-istatus tal-artisti f'Malta f'konformità mal-valur tanġibbli tagħhom għas-soċjetà.

# 2. Definizzjonijiet

### Applikant

- L-applikant irid ikun ir-rappreżentant legali tal-kumpanija reġistrata jew ta' organizzazzjoni volontarja reġistrata, u li trid tkun midja stampata imniżżla fuq il-paġna tad-Dipartiment tal-Informazzjoni mniżżla hawnhekk.

### Applikazzjoni

- Applikazzjoni hija sottomissjoni, inkluż id-dokumentazzjoni kollha mandatorja u kull anness inkluż mal-formula tal-applikazzjoni mressqa minn applikant eliġibbli. L-applikant jista' jressaq applikazzjoni waħda għal kull Fergħa applikabbli skont il-kriterji eliġibbli.

### Attivitajiet

- L-iskema tappoġġja attivitajiet relatati ma' gazzetti stampati li għandhom sezzjoni(jiet) dedikati għall-arti u l-kultura.

### Benefiċjarju

- Il-benefiċjarju huwa d-destinatarju tal-għotja. Il-benefiċjarju huwa legalment responsabbli mill-implimentazzjoni tal-proposta appoġġjata mill-Iskema. Il-benefiċjarju tal-għotja ma jistax jinbidel matul il-perjodu tal-proġett iffinanzjat u sakemm jingħata l-aħħar żborżament. L-iżborżament tal-għotja jista' jingħata biss f'isem il-benefiċjarju. Il-benefiċjarju huwa responsabbli li jiżgura li l-fatturi tal-VAT jiġu maħruġa f'isem il-benefiċjarju u jinkludu l-informazzjoni tal-VAT tal-benefiċjarju.

### Bord ta' evalwazzjoni

- Il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar Bord ta' Evalwazzjoni għal din l-Iskema. Il-bord maħtur jista' jkun kompost minn professjonisti lokali u barranin fis-settur tal-kultura u l-arti.

## Dokumentazzjoni mandatorja

- Kull dokument(i) meħtieġ(a) biex isostni(u) l-proposta tiegħek u biex jgħin(u) fl-evalwazzjoni tal-proġett (eż. kronoloġija ta' prestazzjoni, portafolli, CVs artistiċi, korrispondenza uffiċjali li tikkonferma kiri ta' spazju, permessi, u dokumenti oħrajn).

## Eliġibbiltà

- L-applikazzjonijiet l-ewwel jiġu evalwati f'termini tal-eliġibbiltà teknika u artistika tagħhom mill-amministraturi u l-maniġers tal-Fond. Proposti li ma jkunux meqjusa eliġibbli f'termini ta' kriterji stabbiliti ma jiġux ipproċessati aktar u ma jiġux evalwati.

## Evalwazzjoni

- L-applikazzjonijiet li jiġu meqjusa konformi u eliġibbli jiġu evalwati skont il-kriterji stabbiliti f'dawn il-linji gwida mill-evalwaturi maħtura.

## Finanzjament Massimu

- Hemm limitu massimu ta' €12,000 għal kull proġett iffinanzjat taħt l-Ewwel Fergħa u €20,000 għal kull proġett iffinanzjat taħt it-Tieni Fergħa. L-ammonti mogħtija jiġu deċiżi każ b'każ skont il-proġett.

## Impriża

- Impriża hija definita bħala entità ingaġġata f'attività ekonomika fl-isfond tat-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU (i.e. kwalunkwe attività li toffri prodotti u servizzi fis-suq), irrispettivament mill-istatus legali tagħha u l-mod kif tiġi ffinanzjata. Il-klassifikazzjoni tal-entità bħala impriża tiddependi kompletament min-natura tal-attivitajiet tagħha. L-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna tal-istat ma jiddependux fuq jekk l-entità tiġġenerax qligħ. Entitajiet mingħajr skop ta' qligħ jistgħu wkoll joffru prodotti u servizzi fis-suq. Fejn dan ma jkunx il-każ, entitajiet mingħajr skop ta' qligħ jibqgħu barra l-ambitu tal-għajnuna tal-Istat. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni tal-entità bħala impriża hija dejjem relattiva għall-attività speċifika. Entità li twettaq attivitajiet kemm ekonomiċi u mhux ekonomiċi għandha tiġi meqjusa bħala impriża fir-rigward tal-ewwel istanza biss.

## Impriża waħda

- Tinkludi l-Impriżi kollha li għandhom tal-anqas waħda minn dawn ir-relazzjonijiet bejniethom:

a. Impriża waħda li għandha maġġoranza ta' azzjonisti jew membri bid-dritt għall-vot f'Impriża oħra;
b. Impriża waħda li għandha d-dritt taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-amministrazzjoni, tal-maniġment, jew korp ta' sorveljanza ta' Impriża oħra;
c. Impriża waħda li għandha d-dritt teżerċita influwenza dominanti fuq Impriża oħra skont kuntratt li daħal fis-seħħ ma' dik l-Impriża jew skont proviżjoni fil-memorandum tagħha jew fl-artikli ta' assoċjazzjoni;
d. Impriża waħda, li hija azzjonista fi jew membru ta' Impriża oħra, li tikkontrolla waħidha, skont ftehim li daħlet fih mal-azzjonisti jew membri ta' dik l-Impriża, maġġoranza ta' azzjonisti jew drittijiet tal-vot tal-membri f'dik l-Impriża.

Impriżi li għandhom kwalunkwe mir-relazzjonijiet riferuti f'punti (a) sa (d) hawn fuq permezz ta' Impriża waħda jew aktar se jkunu meqjusa wkoll bħala Impriża unika.

## Kumpanija

- Entità legali stabbilita u reġistrata f'Malta. Il-kumpanija trid tkun reġistrata mar-Reġistru tan-Negozji ta' Malta, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Att Dwar il-Kumpaniji (KAP. 386 tal-Liġijiet ta' Malta).

Maniġment u amministrazzjoni

- Il-Kunsill Malti għall-Arti hu responsabbli għal din l-iskema. Il-korrispondenza kollha uffiċjali, inkluż is-sottomissjoni tal-applikazzjoni online jew aġġornamenti għal proposti magħżula, iridu jintbagħtu fuq l-indirizz indikat f'dawn il-linji gwida.

Organizzazzjonijiet volontarji

- Organizzazzjoni li tkun stabbilita legalment u/jew irreġistrata pubblikament f'Malta u jkollha statut. L-organizzazzjonijiet volontarji għandhom ikunu iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji skont ir-rekwiżiti tal-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (http://www.maltacvs.org). L-applikant għandu jkun rappreżentant awtorizzat legalment tal-organizzazzjoni.

Żborż ta' Fondi

- L-għotja tingħata hekk kif indikat f'paġna 2 ta' dawn il-Linji Gwida u Regolamenti. Il-ħlas isir permezz ta' trasferiment bankarju maħruġ f'isem l-applikant. Kull applikant li jressaq applikazzjoni jeħtieġ ikollu kont bankarju validu.

# 3. Eliġibbiltà

Il-proposti l-ewwel jiġu skrinjati għall-eliġibbiltà teknika u artistika. Proposti mhux eliġibbli f'termini tal-punti msemmija hawn isfel ma jibqgħux jiġu proċessati u evalwati.

**Perjodu ta' żmiem massimu għall-implimentazzjoni tal-proġett**: 12-il xahar.

## 3.1 Min jista' japplika?

L-għotja hija miftuħa għall-impriżi (li għalihom l-għajnuna tingħata skont ir-Regolament de minimis) kif ukoll għal dawk l-applikanti li ma jwettqux attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE. (Għal aktar informazzjoni rreferi għat-Taqsima 9 ta' dawn il-linji gwida). Barra minn hekk, l-applikant irid ikun rappreżentant legali ta':

- Kumpanija rreġistrata mar-Reġistru tan-Negozji ta' Malta;
- Organizzazzjoni volontarja mniżżla mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji.

Barra minn dan, l-applikanti jridu jikkwalifikaw bħala mezz tal-midja stampata, skont kif imniżżel fuq il-paġna tad-Dipartiment tal-Informazzjoni mniżżla hawnhekk.

## 3.2 Min ma jistax japplika?

Dawn li ġejjin mhumiex eliġibbli biex japplikaw għall-Iskema ta' Appoġġ għall-Gazzetti:

- Applikanti/attivitajiet li qed jirċievu fondi pubbliċi skont line-votes stabbiliti mill-gvern;
- Applikanti li m'għandhomx profil ivverifikat peress li l-profil tagħhom mhux komplet minħabba n-nuqqas ta' dawn id-dokumenti mandatorji t'hawn taħt:
  - kopja tal-karta tal-identità Maltija (inkluż in-naħa ta' quddiem u ta' wara) jew il-permess tar-residenza Maltija jew iċ-ċertifikat tat-ċittadinanza Maltija jew il-passaport Malti;
  - statut iffirmat f'każ ta' organizzazzjoni volontarja.
- Applikanti li ma jikkwalifikawx taħt id-definizzjoni ta' applikant taħt din l-iskema speċifika;

- Benefiċjarji li ma ressqux jew li ma kkonkludewx saż-żmien stipulat minn tal-inqas rapport finali wieħed b’rabta ma’ għotja passata u ffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti;
- Benefiċjarji li m’onorawx impenji preċedenti ta’ finanzjament;
- Kumpaniji li ma ppreżentawx id-dokumentazzjoni rekwiżita annwali lir-Reġistru dwar in-Negozju ta’ Malta;
- F’każ ta’ organizzazzjonijiet volontarji, organizzazzjonijiet volontarji li:
  - mhumiex iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
  - ma ppreżentawx il-kontijiet aġġornati tagħhom lill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
  - m’għandhomx indirizz reġistrat fil-gżejjer Maltin.

## 3.3 Xi spejjeż jistgħu jiġu koperti?

L-għotja tista’ tkopri sa 100% tal-ispejjeż li ġejjin (sa massimu ta’ €12,000 għal kull proġett iffinanzjat taħt l-Ewwel Fergħa u €20,000 għal kull proġett iffinanzjat taħt it-Tieni Fergħa, skont liema hu l-irħas).

Spejjeż eliġibbli għall-Ewwel Fergħa jinkludu:

- Abbonamenti għal pjattaformi virtwali jew servizzi diġitali oħra, fejn relevanti;
- Assigurazzjoni tal-indennità professjonali;
- Kontinġenzi, mhux aktar minn 10% tat-total tal-proġett;
- Materjal stampat;
- Rimborż ta’ salarji jew parti minnhom;
- Spejjeż għal riċerka;
- Spejjeż lingwistiċi (bħal qari tal-provi, subbing, copywriting);
- Spejjeż oħra direttament relatati mal-implimentazzjoni tal-proġett (inkluż iżda mhux limitati għal: fornituri ta’ servizzi, mentors, spejjeż legali, parteċipazzjonijiet, jew abbonamenti);
- Taħriġ u żvilupp.

Spejjeż eliġibbli għat-Tieni Fergħa jinkludu:

- Abbonamenti għal pjattaformi virtwali jew servizzi diġitali oħra, fejn relevanti;
- Kontinġenzi, mhux aktar minn 10% tat-total tal-proġett;
- Rimborż ta’ pagi jew rimborż parzjali;
- Spejjeż artistiċi (bħal fotografi, akkademiċi, disinjaturi grafiċi, illustraturi, eċċ.);
- Spejjeż ta’ attendenza u parteċipazzjoni (għal festivals, esebizzjonijiet, dimostrazzjonijiet, avvenimenti ta’ netwerking, konferenzi, residenzi għall-artisti, u fieri). L-attendenza u l-parteċipazzjoni tista’ wkoll isseħħ f’format diġitali;
- Spejjeż tal-kittieba;
- Spejjeż ta’ riċerka;
- Taħriġ u żvilupp.

Għal aktar informazzjoni fuq kif għandek tippreżenta l-baġit tiegħek, irreferi għal-Linji Gwida għal Baġit Ġenerali, disponibbli fuq https://artscouncilmalta.gov.mt/funding-and-grants/general-budget-guidelines/.

## 3.4 Liema spejjeż ma jistgħux jiġu koperti?

- Finanzjament għall-ħolqien jew żamma ta' konkorsi, kompetizzjonijiet, boroż ta' studju, premji jew scholarships;
- Spejjeż għal servizzi mogħtija minn organizzazzjonijiet pubbliċi kulturali jew aġenzija oħra pubblika, dipartiment tal-gvern, jew ministeru;
- Spejjeż li diġà huma koperti minn organizzazzjonijiet pubbliċi kulturali jew xi programm/skema ta' finanzjament pubbliku mmaniġġjat jew komaniġġjat mill-Kunsill Malti għall-Arti jew xi aġenzija oħra pubblika, dipartiment tal-gvern, jew ministeru;
- Spejjeż li diġà huma koperti minn baġits operazzjonali attwali (spazju li huwa fil-pussess tal-applikant jew tas-sieħeb/organizzazzjoni t'appoġġ/individwu);
- Spejjeż retroattivi;
- Sussistenza, catering, u ospitalità;
- VAT rekuperabbli (jew VAT li tista' tinġabar lura), fejn applikabbli.

## 3.5 Liema applikazzjonijiet mhux eliġibbli?

L-attivitajiet li ġejjin **mhumiex** eliġibbli taħt dan il-Fond:

- Applikazzjonijiet għall-ħolqien jew żamma ta' konkorsi, kompetizzjonijiet, boroż ta' studju, premji jew scholarships;
- Applikazzjonijiet li jiġu sottomessi wara nofsinhar (12:00) tal-jum rispettiv tad-data tal-iskadenza;
- Applikazzjonijiet mhux kompluti. Irreferi għal-lista ta' kontroll fit-taqsima 5.1;
- Attivitajiet li l-għan tagħhom hu li jiġġeneraw il-flus jew propaganda politika;
- Attivitajiet li mhux relatati ma' midja stampata. Fil-każ ta' attivitajiet tat-Tieni Fergha li mhumiex relatati ma' kontenut tal-arti, il-kultura, u l-wirt nazzjonali f'midja stampata;
- Inizjattivi eliġibbli taħt Festivals Malta, Annual Cultural Activities Scheme, VOPS, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, Malta Arts Scholarships jew kwalunkwe programm ieħor iffinanzjat mill-Istat b'riżq l-arti/kultura Maltija;
- Proġetti b'durata li ma tidħolx eżatt fl-iskeda taż-żmien eliġibbli;
- Proġetti li ser ikunu diġà bdew jew tlestew qabel in-notifika tar-riżultat lill-applikant(i).

Kwalunkwe attività oħra li tista' tiġi żviluppata lil hinn mill-ambitu tal-Iskema ta' Appoġġ għall-Gazzetti mhijiex eliġibbli għall-għajnuna.

# 4. Evalwazzjoni

Il-Bord tal-Evalwazzjoni ħa jibbaża d-deċiżjoni tiegħu skont dawn il-kriterji:

## 4.1 Proposta (80 marka)

Il-mistoqsijiet li ġejjin għandhom jiġu indirizzati f'mhux aktar minn 500 kelma:

- Iddefinixxi l-miri, l-għanijiet, u r-riżultati li l-attività proposta se tindirizza. (30 marka)
- Kif se tkun relevanti għall-iżvilupp ta' assigurazzjoni ta' kwalità tal-kontenut fil-gazzetta stampata l-attività proposta? (20 marka)

- Kif qed tippjana li twettaq il-programm/pjan propost? (eż. dati ta' skadenza, pjanijiet ta' ħidma, responsabbiltajiet, ħiliet u kronoloġija ta' prestazzjoni tal-individwi involuti fl-attivitajiet, pjan loġistiku). (Dan għandu jinkludi wkoll evidenza ta' kif il-proposta tqis il-prinċipji fi ħdan id-Dritt għall-Kultura – Kit ta' Riżorsi u l-Karta għall-Istatus tal-Artist bħal f'Sezzjoni 1). (20 marka)
- Hemm permessi neċessarji, kwistjonijiet tad-drittijiet tal-awtur, u kwistjonijiet oħra legali, etiċi, u amministrattivi li jridu jiġu indirizzati? (10 marki)

## 4.2 Baġit (20 marka)

Il-mistoqsijiet li ġejjin għandhom jiġu indirizzati f'mhux aktar minn 300 kelma:

- Jekk jogħġbok ipprovdi sommarju ċar tal-baġit, inkluż spejjeż direttament relatati mal-proġett propost. Spjega l-loġika tal-ispejjeż tal-proġett (15-il marka).
- Ipprovdi kwotazzjonijiet biex tappoġġja l-baġit tiegħek. (5 marki)

# 5. Is-sottomissjoni tal-applikazzjoni

Imxi ma' dawn il-passi biex tapplika:

1. Aqra dawn il-linji gwida u regolamenti b'attenzjoni.
2. Iċċekkja jekk l-idea proposta tiegħek tistax tiġi indirizzata b'din l-iskema.
3. Agħfas il-link li se tieħdok fis-sistema online tal-applikazzjoni.
4. Jekk m'għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tagħfas Irreġistra u timla d-dettalji.
5. Fis-sezzjoni tas-sejħiet miftuħa, agħfas l-applikazzjoni online għall-iskema li tixtieq tapplika għaliha.
6. Imxi mal-istruzzjonijiet pass wara pass. Imla l-informazzjoni kollha neċessarja mill-applikazzjoni online, inkluż il-baġit u annetta d-dokumentazzjoni ta' sostenn.
7. Issottometti l-applikazzjoni. Għandek tirċievi rikonoxximent awtomatiku mis-sistema. Jekk ma tirċevix din in-notifikazzjoni, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

L-applikanti huma mitluba joħolqu profil fis-CRM tal-KMA minn tal-anqas ġimgħatejn qabel id-data tal-iskadenza tas-sejħa.

F'każ ta' diffikultà jew jekk tixtieq tikkonsulta magħna rigward dan il-fond, ċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew ibgħatilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formola tal-applikazzjoni kompluta kif spjegat f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Jekk ma tippreżentax l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni neċessarja kollha, l-applikazzjoni tiegħek ma tiġix proċessata u evalwata.

Qabel id-data tal-iskadenza għall-applikazzjonijiet, rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti mhumiex ħa jkunu qed jiċċekkjaw il-formoli tal-applikazzjoni tiegħek. Hija għad-diskrezzjoni totali tal-Kunsill Malti għall-Arti li jitlobli applikanti jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni mandatorja nieqsa wara l-iskadenza tas-sejħa.

Wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni, l-applikanti jaċċettaw li jekk l-applikazzjoni tingħata finanzjament, l-isem, it-titlu tal-proġett, id-deskrizzjoni qasira tal-proġett, u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Id-deċiżjoni fuq il-finanzjament se sseħħ abbażi tas-saħħa tal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni sottomessa.

Applikazzjonijiet sottomessi wara nofsinhar (12:00) tad-data tal-iskadenza rispettiva ma jiġux aċċettati.

## 5.1 Checklist

Sabiex ikunu kompluti, l-applikazzjonijiet iridu jkun akkumpanjati minn:

- Kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-VAT;
- Kopja ta’ dokument maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Dħul li juri l-applikant huwa kontribwent f’Malta;
- Fajl awdjo jew awdjoviżiv li ma jaqbiżx il-5 minuti li fih l-applikant jipprovdi deskrizzjoni qasira, raġuni u/jew motivazzjoni għas-sottomissjoni tal-proposta;
- CV tal-applikant u portafoll tal-gazzetta stampata fir-rigward tal-arti u l-kultura li jridu jkunu inklużi mal-profil tal-applikant;
- Jekk applikabbli, prova tar-reġistrazzjoni legali tal-organizzazzjoni/kumpanija;
- Jekk applikabbli, l-aktar Ċertifikat ta’ Reputazzjoni Tajba riċenti. Dan id-dokument jiġġedded kull sena mir-Reġistru dwar in-Negozju ta’ Malta u huwa prova ta’ konformità;
- Ittri ta’ intenzjoni minn kollaboraturi;
- Fejn relevanti, ittra ta’ aċċettazzjoni minn istituzzjoni, pjattaforma, jew post.

# 6. Proċess ta’ evalwazzjoni

Din hija skema mhux kompetittiva u se tiġi evalwata minn bord ta’ esperti settorjali skont kriterji stabbiliti.

Kif speċifikat qabel, kull kriterju se jiġi allokat numru speċifiku ta’ marki. Sabiex ikun ikkunsidrat għal finanzjament, proġett irid jikseb medja ta’ mill-inqas 60 marka.

Madanakollu, is-sessjoni tal-evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta’ finanzjament jiddependu mill-kwalità tal-proposti sottomessi u d-disponibbiltà tal-fondi. Il-Bord tal-Evalwaturi jista’ jiddeċiedi li ma jallokax it-total tal-fondi disponibbli għal sejħa partikolari jekk il-proġetti proposti ma jkunux tal-livell rekwiżit f’termini tal-kriterji ta’ finanzjament.

Applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta’ evalwazzjoni magħżul mill-Kunsill Malti għall-Arti abbażi tal-esperjenza professjonali tiegħu. L-evalwaturi se jippreżentaw stima ta’ kull proġett propost u jindikaw il-marki relevanti mogħtija.

## 6.1 Komunikazzjoni tar-riżultati

Fid-data indikata fit-tieni paġna, inti se tirċievi notifika tar-riżultat mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Jekk ikollok kwalunkwe diffikultà li tikkonċerna r-riżultati, għandek tibgħatilna email fuq fundsinfo@artscouncil.mt sa ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni rigward il-finanzjament. L-

ebda informazzjoni fuq il-proċess ta' evalwazzjoni mhi se tiġi maħruġa qabel in-notifika uffiċjali tar-riżultat. Kwalunkwe forma ta' sollecitazzjoni awtomatikament tiskwalifika l-applikazzjoni inkwistjoni.

L-informazzjoni li jirċievu l-amministraturi, il-maniġers, u l-evalwaturi tal-fond se tkun meqjusa kunfidenzjali, kemm waqt u wara l-proċess tal-evalwazzjoni. Il-proviżjonijiet għall-protezzjoni tad-dejta u l-kunfidenzjalità għal proġetti magħżula se jkunu inklużi fil-ftehim tal-għotja.

# 7. Implimentazzjoni tal-proġett u moniteraġġ

Il-benefiċjarji għandhom jipprovdu d-dokumentazzjoni sħiħa biex isostnu l-applikazzjoni u l-pjan tal-baġit tagħhom sa 30 jum minn meta jirċievu l-ittra ta' notifikazzjoni. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jaċċetta varjazzjonijiet ta' massimu ta' 5% mill-ispiża totali proposta. Il-kontinġenza indikata fil-pjan tal-baġit se tkopri kwalunkwe varjazzjoni mill-ispiża totali proposta. **Taħt l-ebda ċirkostanza mhu l-Kunsill ħa jkun f'pożizzjoni li jżid l-għotja mogħtija.**

Mal-proviżjoni u l-approvazzjoni tad-dokumentazzjoni mandatorja hawn fuq imsemmija, kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-fondi se jiġi ffirmat. L-għotja tista' tiġi mogħtija biss wara li jitlesta dan il-proċess t'hawn fuq fiż-żmien stipulat.

70% tal-ammont totali allokat mill-Bord tal-Evalwazzjoni se jiġi proċessat wara l-iffirmar tal-kuntratt. It-30% l-oħra se jiġu żborżati wara s-sottomissjoni tar-rapport finali tal-benefiċjarju, wara l-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-benefiċjarji jridu jużaw il-logo tal-Kunsill fuq kull materjal relatat u jispeċifikaw li l-proġett kien appoġġjat mill-għotja b'dan il-mod: **Appoġġjat mill-Kunsill Malti għall-Arti**, f'kull reklamar, PR, u materjal stampat. L-għotja li tingħata trid tintuża biss għall-iskopijiet li tkun ingħatat għalihom, f'konformità mal-proposta sottomessa u l-kuntratt.

Il-benefiċjarji jridu jinnotifikaw lill-Kunsill immedjatament fuq kwalunkwe bidla li taffettwa n-natura tal-proġett li kapaċi sseħħ waqt l-implimentazzjoni. Tibdiliet ma jistgħux isiru mingħajr l-għoti tal-approvazzjoni. Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrivedi jew li jżomm il-pagament finali jekk it-tibdiliet fil-proġett ma jitqisux li jkunu f'konformità mal-proposta inizjali, jew jekk il-Kunsill ma jkunx infurmat bit-tibdiliet fi żmien raġjonevoli.

Il-benefiċjarji jridu jkunu disponibbli għal żjarat u komunikazzjoni minn rappreżentanti tal-Kunsill għal skopijiet ta' moniteraġġ, kemm waqt l-implimentazzjoni u wara l-implimentazzjoni tal-proġett.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrevedi l-pagament finali jekk l-ispiża totali hija inqas minn dik stmata fil-formola tal-applikazzjoni.

## 7.1 Rapport

Fl-aħħar tal-proġett, int se tkun mitlub tissottometti rapport dettaljat li juri x-xogħol li int tkun wettaqt, il-komponenti kollaborattivi ta' ħolqien, u l-akkwisti tal-proġett, sa mhux aktar minn sitt (6) ġimgħat wara li l-proġett tiegħek ikun tlesta. Ir-rapport irid jinkludi riflessjonijiet fuq kif ħidma kollaborattiva kienet t'għajnuna għall-proġett u viċi versa, inkluż rakkomandazzjonijiet għal kif l-ingaġġ mal-udjenzi u l-komunitajiet jista' jiġi msaħħaħ/mibdul.

Il-Kunsill Malti għall-Arti se jipprovdilek template għar-rapport. Jekk ikun relevanti, il-benefiċjarji jridu jissottomettu kopji tar-reklamar, pubbliċità, jew materjal ta' informazzjoni relevanti li jkun ġie żviluppat għall-proġett iffinanzjat. Il-benefiċjarji se jkunu wkoll mitluba jissottomettu evidenza tal-proċess ta' riċerka, inkluż dokumentazzjoni viżwali (irid jiġi sottomess minimu ta' 5 stampi high-resolution), bloggs, u dokumentazzjoni oħra.

Il-benefiċjarji għandhom jipprovdu tqassim finali tal-baġit dettaljat u ċċertifikat. Il-baġit għandu jitħejja f'konformità mal-istandards finanzjarji applikabbli u allinjati ma' dawn il-linji gwida u r-regolamenti, u għandhom ikunu ċċertifikati minn awditur bil-*warrant*.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jitlob lill-Benefiċjarju biex jissottometti l-fatturi tal-VAT u/jew l-irċevuti fiskali biex isostni l-baġit dettaljat u ċċertifikat.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jagħmel użu mill-materjal tal-proġett sottomess.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirkupra l-fondi f'każ li dawn ma jiġux użati u/jew jiġu użati b'mod skorrett u/jew ma jiġux użati skont il-baġit sottomess.

# 8. Proċedura ta' lmenti

Jekk tagħmel ilment dan mhux ħa jaffettwalek iċ-ċansijiet tiegħek li tirċievi appoġġ mill-Kunsill Malti għall-Arti fil-futur. Kull ilment jiġi ttrattat b'kunfidenzjalità.

## 8.1 Raġunijiet għal ilmenti

L-applikanti jistgħu jagħmlu lment rigward anomilitajiet u irregolaritajiet proċedurali waqt il-proċess ta' sottomissjoni u evalwazzjoni f'termini tal-proċeduri stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti. L-ilmenti magħmula ma jistgħux isiru fil-konfront ta':

- Il-politika u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti jew tal-Gvern;
- Il-mertu tal-applikazzjoni f'termini tal-kriterji stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti.

L-applikanti biss jistgħu jagħmlu lmenti li jikkonċernaw il-proġett tagħhom.

## 8.2 Biex tressaq ilment

Ilmenti jridu jsiru bil-miktub u jridu jkunu ċari daqskemm hu possibbli. L-ilment irid jiddikjara r-raġunijiet għat-tali lment, jipprovdi spjegazzjoni u ġustifikazzjoni dettaljata, sostnuta bid-dokumentazzjoni relevanti u t-testimonjanzi l-għala dan l-ilment iqis li irregolaritajiet ġew imwettqa fil-proċedura/i stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti jew f'termini ta' regoli u regolamenti ta' governanza tajba li jirregolaw lis-settur pubbliku. Id-deċiżjoni mogħtija fl-aħħar tal-proċess tal-ilment se tkun finali. L-ilmenti jridu jsiru lill-Kap tal-Fondi sa ħamest (5) ijiem mid-data li tkun irċevejt id-deċiżjoni tal-finanzjament tiegħek. Normalment għandek tirċievi risposta għall-ilment tiegħek f'temp ta' għaxart (10) ijiem xogħol.

Jekk ma tkunx sodisfat bir-risposta, il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar Bord li jkompli jiddiskuti l-ilment tiegħek. Jekk tavviċinana bi proċess ta' lment, mela tkun qiegħed taċċetta li nistgħu nużaw l-informazzjoni dwar il-proġett tiegħek biex nindirizzaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-Bord hija finali.

# 9. L-applikabbiltà tar-regoli tal-għajnuna tal-istat

## 9.1 Regoli tal-għajnuna tal-istat applikabbli għal impriżi li jwettqu attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU

L-Iskema se tiġi implimentata f’konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta’ Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis.*

Dan ir-Regolament japplika għal għajnuna mogħtija lill-impriżi fis-setturi kollha, ħlief għal:

a. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta’ prodotti tas-sajd u tal--akkwakultura;
b. għajnuna mogħtija lil impriżi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, fejn l-ammont tal-għajnuna huwa ffissat fuq il-bażi tal-prezz jew il-kwantità tal-prodotti mixtrija jew imqiegħda fuq is-suq;
c. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta’ prodotti agrikoli;
d. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti agrikoli, f’wieħed mill-każijiet li ġejjin:
    i. meta l-ammont tal-għajnuna jkun stabbilit fuq il-bażi tal-prezz jew kwantità ta’ prodotti ta’ dak it-tip mixtrija minn produtturi primarji jew imqiegħda fis-suq mill-impriżi kkonċernati;
    ii. meta l-għajnuna tkun bil-kundizzjoni li parti minnha jew kollha kemm hi tingħata lill-produtturi primarji;
e. għajnuna lil attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, l-aktar għajnuna marbuta direttament ma’ kwantitajiet esportati, it-twaqqif u l-operazzjoni ta’ netwerk ta’ distribuzzjoni jew nefqa oħra kurrenti marbuta mal-attività tal-esportazzjoni;
f. għajnuna li tiddependi mill-użu ta’ oġġetti u servizzi domestiċi u servizzi bi preferenza fuq oġġetti u servizzi importati.

L-ammont totali tal-għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriża waħda m’għandux jaqbeż l-ammont ta’ €300,000 fuq kwalunkwe perjodu ta’ tliet snin konsekuttivi.

Dan il-limitu massimu jinkludi l-Għajnuna mill-Istat kollha mogħtija minn din l-iskema ta’ għajnuna u kull miżura oħra ta’ Għajnuna mill-Istat implimentata skont ir-Regolament *de minimis*, inkluża dik mogħtija minn kwalunkwe entità għajr il-Kunsill Malti għall-Arti. Kull għajnuna *de minimis* li taqbeż il-limitu stabbilit trid tiġi rkuprata bl-imgħax mill-impriża li tkun irċeviet l-għajnuna.

F’dan ir-rigward ser jiġu rrispettati r-regoli dwar l-akkumulazzjoni tal-għajnuna kif deskritti fl-Artikolu 5 tar-Regolament *de minimis*.

L-applikanti għandhom jissottomettu dikjarazzjoni *de minimis* illi tindika kiwalunkwe għajnuna *de minimis* oħra li jkunu rċevew u/jew applikaw għaliha matul it-tliet snin preċedenti. Dan jiżgura li l-ammont totali tal-għajnuna *de minimis* mogħti lil impriża waħda skont ir-regola *de minimis* ma jaqbiżx il-limitu *de minimis* fuq il-perjodu ta’ tliet snin applikabbli.

Jekk applikant magħżul ma jkunx eliġibbli biex jirċievi għajnuna *de minimis*, l-applikant jitqies bħala ineliġibbli u għaldaqstant l-għotja tingħata lill-applikant ikklassifikat warajh.

F'konformità mar-Regolament *de minimis*, ir-rekords dwar l-għajnuna *de minimis* jinżammu tul 10 snin mid-data li fiha tkun ingħatat għajnuna minn din l-iskema.

**Pubblikazzjoni fir-Reġistru Ċentrali**

F'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament *de minimis*, mill-1 ta' Jannar 2026, informazzjoni dwar għajnuna *de minimis* mogħtija taħt din l-iskema se tkun disponibbli pubblikament f'reġistru ċentrali. Din l-informazzjoni se tkun pubblika:

- identifikazzjoni tal-benefiċjarju
- l-ammont tal-għajnuna
- id-data tal-għotja
- l-istrument tal-għajnuna, u
- is-settur involut abbażi tal-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ('NACE classification')

## 9.2 Applikanti u applikazzjonijiet li ma jinkludux it-twettiq ta' attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU

L-applikanti u l-applikazzjonijiet li ma jinkludux it-twettiq ta' attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU jistgħu japplikaw għal din l-iskema. Ir-regoli indikati f'Sezzjoni 9.1 mhumiex applikabbli f'każijiet ta' tali applikanti u applikazzjonijiet.

# Għandek bżonn parir?

Il-Kunsill Malti għall-Arti joffri servizzi ta' konsultazzjoni qabel is-sottomissjoni sabiex jgħinek tiżgura l-akkwist t'għajnuna għall-proġett tiegħek. Aħna nkunu hemmhekk għalik matul il-proċess kollu. Aħna nistgħu ngħinuk tiddetermina jekk il-kunċetti primarji u l-profil tal-proġett tiegħek humiex f'konformità mal-mekkaniżmu ta' appoġġ inkwistjoni, kif ukoll nipprovdulek suġġerimenti fuq il-mod kif tista' tippjana biex tippreżenta l-proġett tiegħek. Biex tagħmel l-aħjar użu mis-servizzi tagħna, ippjana bil-quddiem u kkuntattjana tal-anqas erba' ġimgħat qabel id-data tal-iskadenza tas-sottomissjonijiet.

Tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 matul il-ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00, jew tibgħatilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

**Linji gwida aġġornati fl-1 ta' Settembru 2026**